MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1304/2001/1

**Avviz Numru 1304/01AJD**
**John Farrugia**

**vs**

**Vincent Degabriele**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Ottubru 2001 fejn l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' hames mitt lira Mlatin (Lm500.00) u dan wara li gie premess li l-attur ghandu dritt li jopera servizz ta' trasport ghall-impjegati tal-fabbrika FitzWright gewwa Bulebel. Fil-fatt il-konvenut stipula dan il-beneficcju a favur tal-attur permezz ta' skrittura tal-4 ta' Awissu 2000, iffirmata ma' terzi. Gara li l-konvenut ma baqax jonora dan l-obbligu u ghalhekk l-attur qed jitlef ix-xoghol li sallum jihaq qliegh ta' hames mitt lira Maltin (Lm500.00), kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 2720/01, kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
1. Illi in linea preliminari, l-konvenut jeccepixxi illi l-mertu jinvolvi kwistjoni li taqa' l-barra mill-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal u dana stante li l-mertu jinvolvi mhux talba ta' flus hekk kif dedotta fit-talba originali u li m'hemm ebda ndikazzjoni kif l-attur wasal ghas-somma ta' Lm500.00, izda apprezzament legali ta' skritturi li saru bejn il-konvenut u certu Paul Vella. Ghalhekk isegwi li ai termini tal-artikolu 7(2) (a) tal-Kap. 380 tal-Ligijieet ta' Malta dan it-Tribunal ghandu jissospendi l-procedimenti odjerni stante illli l-mertu jaqa' l-bara mill-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal.
2. Illi in linea preliminari, l-konvenut jeccepixxi li l-attur m'ghandu ebda nteress guridiku, reali dirett u personali sabiex jippromuovi l-azzjoni odjerna stante li l-attur qatt ma deher jew kien parti fuq xi skeittura privata li sar it-trasferiment tal-minibus bin-numru tar-registrazzjoni HMY 201 minn fuq certu Paul Vella ghal fuq il-konvenut.
3. Illi wkoll in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghal li gej, il-konvenut jeccepixxi li huwa m'ghandu ebda relazzjoni guridika mal-attur u ghalhekk isegwi li m'hemm l-ebda bazi legali li fuqha tista' tigi promossa l-azzjoni odjerna.
4. Illi fil-mertu u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, hija l-iskrittura datata 28 ta' Awissu 2000, li qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. VD1 li ghandha validita' f'ghajn il-ligi, li tirregola t-trasferiment ttal-vettura in kwistjoni, kif ukoll hija dik li hija registrata mal-awtoritajiet kompetenti.
5. Illi f'din l-iskrittura datata 28 ta' Awissu 2000 m'hemm l-ebda riferenza ghall-attur jew ghal xi obbligu assunt mill-konvenut fil-konfront tal-attur.
6. Illi l-mertu in dizamina ken ukoll il-mertu tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 2715/01CFSipprezentat mill-attur fil-konfront tal-konvenut, liema talba tal-attur gja' giet prima facie michuda mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili.
7. Illi mid-dokumenti mmarkati bhala Dok. VD2, 3 u 4 jirrizulta li qatt ma kien hemm xi ftehim bejn il-kumpanija

FitzWright Europe (Malta) Limited u l-attur u ghalhekk l-pretensjonijiet tal-attur ghandhom jigu respinti bl-ispejjes.

Ra s-sentenza tal-15 ta' Frar 2002 fejn giet michuda l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Sema' x-xhieda tal-attur, ta' Paul Vella u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esbiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi mill-assjem tal-provi rrizulta li l-attur kelllu ftehim ma' certu Paul Vella fis-sens li huma kienu jaqsmu xi vjaggi bil-minibus in kwantu jirrigwarda l-impjegati tal-fabbrika Fitzwright f'Bulebel izda kien biss dan Paul Vella li kellu ftehim fir-rigward mal-Fitzwright (ara document a fol.7 tal-process). Fl-4 ta' Awissu 2000 saret skrittura private (a fol. 27 et seq. tal-process) fejn Paul Vella trasferixxa b'titolu ta' bejgh lill-konvenut il-minibus bin-numru tar-registrazzjoni HMY 201 taht il-pattijiet u kundizzjonijiet hemm indikati, fosthom it-trasferiment tal-vjaggi elenkati fl-istess skrittura fejn hemm indikat ukoll li kien hemm tlett vjaggi sub-appaltati lil terzi u li fil-kaz li lill-konvenut jonqsulu l-vjaggi tal-Ftizwright huwa jkun intitolat jiehu wiehed mill-vjaggi applikabbli lil terzi. Fi klawzola (b) (ii) hemm ukoll indikat hekk "Il-partijiet jifhmu illi John Farrugia wiehed mill-kuntratturi li jaghmel wiehed minn dawn it-trips, ikun l-ahhar wiehed li jittiehidlu x-xoghol kemm il-darba l-fabbrika Fitzwright tnaqqas il-vjaggi".

Illi fit-28 ta' Awissu 2000 saret skrittura ohra bejn l-imsemmija partijiet fejn rega' sar it-trasferiment tal-minibus HMY 201 . Ghalkemm ma hemmx indikat li din it-tieni skrittura rrevokat l-ewwel skrittura, u cioe' dik tal-4 ta' Awissu 2000, jidher li din kienet l-intenzjoni tal-partijiet stante li l-kontenut taz-zewg skritturi huwa kwazi identiku hlief ghal prezz u li fit-tieni skrittura ma jissemmiex l-attur bhala wiehed mill-kuntratturi li kien jaghmel vjagg tal-Fitzright, kif sar fl-ewwel skrittura. Inoltre Paul Vella xehed

quddiem dan it-Tribunal u spjega li din it-tieni skrittura saret sabiex jigi ndikat prezz anqas ghat-trasferiment peress li huwa kien qed jirregistra.

Illi jidher ghalhekk li l-attur ma kienx firmatarju f'ebda wahda minn dawn l-iskritturi. Inoltre jirrizulta wkoll li l-konvenut qatt ma kellu relazzjonijiet kontratwali mal-attur jew li huwa b'xi mod assuma xi obbligu li jghaddi vjagg tal-Fitzright lill-attur. Anki kieku wiehed kellu jargumenta li l-ewwel skrittura ma gietx revokata permezz tat-tieni skrittura, xorta ma jistax jinghad li l-konvenut obbliga ruhu li jaghti vjagg tal-Fitzright lill-attur stante li kull ma inghad fl-iskrittura tal-4 ta' Awissu 2000 kien li fl-eventwalita' li l-Fitzright tnaqqas l-ammont ta' vjaggi, l-attur kien ikun l-ahhar wiehed li jittiehidlu vjagg. Fi kwalunkwe kaz it-Tribunal huwa tal-fehma li t-tieni skrittura rrevokat l-ewwel skrittura u li ghalhekk l-anqas din ir-riferenza ghall-attur m'hi appliakbbli.

Illi jidher ghalhekk li qatt ma kien hemm relazzjoni guridika bejn l-attur u l-konvenut u isegwi li it-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenut ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' t-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenut, jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju u konsegwentement jichad it-talbiet attrici.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**